TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 60/14/GB

**Charles Bonavia**

**vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

Illum 2 ta' Lulju 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' April, 2014 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija tnejn u sebghin Ewro (€472.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal żewġ imwejjed tat-'tempered glass' li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, liema mwejjed irriżultaw li ma kienux tat-'tempered glass', kif ukoll wahda minnhom kienet difettuża.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-20 ta' Dicembru 2013, huwa kien xtara żewġ imwejjed tat-'tempered glass' minghand is-socjeta' ntimata, pero' fit-22 ta' Dicembru 2013, filghaxija, wahda mill-imwejjed ixxaqqet.

Ghal din ir-raguni, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata l-flus lura, stante illi l-mejda kellha difett mohbi u l-imwejjed m'humiex tat-'tempered glass'.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

- Huwa minnu li s-'sales representative' taghha kien kiteb 'tempered glass' bi żvista fuq l-ordni, u s-socjeta' ntimata kienet lesta illi tiehu z-zewg imwejjed lura, pero' sfortunatament wahda mill-imwejjed ġiet iddanneggjata.

Is-socjeta' ntimata xorta wahda hija lesta li tiehu lura l-mejda li ma ġietx iddanneggjata u tirrifuza l-flus, dejjem jekk din il-mejda ghadha tinsab f'kundizzjoni tajba.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa tliet (3) dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.CB1, Dok.CB2 u Dok.CB3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokument, li gie mmarkat bhala Dok.FS1, fejn ir-rikorrent gharaf u kkonferma l-firma tieghu stess.

It-Tribunal josserva wkoll illi s-socjeta' ntimata baqghet toffri li tiehu lura l-mejda li ghadha tinsab f'kundizzjoni tajba u tirrifuza l-flus ta' dik il-mejda lir-rikorrent, pero' r-rikorrent baqa' ma aċċettax tali offerta.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza partikolari ghad-dokument eżebit in atti, Dok.FS1, minn fejn jirrizulta ampjament car illi r-rikorrent kien iffirma li huwa *"received the above in good condition & order"*, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata f'dan il-kuntest. Is-socjeta' ntimata pero', naqqset, fuq ammissjoni taghha stess, meta hija bieghat l-imwejjed in kwistjoni lir-rikorrent taht l-impressjoni zbaljata illi kienu tat-'tempered glass'. Illi pero', it-Tribunal jaċċetta illi dan kien żball ġenwin u minghajr ebda sens ta' manipulazzjoni da parti tas-socjeta' ntimata, speċjalment in vista tal-fatt illi fil-kaz tas-socjeta' ntimata ma tezisti l-ebda differenza bejn il-prezz ta' mejda tat-'tempered glass' u l-prezz ta' mejda bi hgieg iehor, ghas-semplici raġuni illi l-imsemmija socjeta' ntimata ma ghandha l-ebda mwejjed tat-'tempered glass' ghall-bejgh. It-Tribunal jinnota illi madanakollu, is-socjeta' ntimata kienet offriet illi tiehu lura l-mejda li tinsab f'kundizzjoni tajba u tirrifuza l-flus ta' dik il-mejda lir-rikorrent, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghal

tali offerta, u jordna lis-socjeta' ntimata taċċetta lura minghand ir-rikorrent il-mejda li ghadha f'kundizzjoni tajba, u tirrifuza lir-rikorrent fl-ammont ta' mitejn tnejn u sittin Ewro u wiehed u sebghin ċenteżmi (€262.71.), b'dana illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha tal-kawza.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**